# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 12 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru : 1225/2015 JPG**
**Kawza Numru: 1**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1694/15 fl-ismijiet:**

**Jolanda Drobez, detentrici tal-passaport Sloven numru PBO645912**
**in rapprezentanza ta' NEJC Turuizem DOO, u VBKS Leasing DOO kif debitament awtorizzat**

**VS**

**Glen Scott**
**[Passaport Sud African**
**Nru. M 00064019]**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors Glen Scott tat-30 ta' Diċembru 2015 li jaqra hekk:

*"Illi r-rikorrenti intavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju ghall-ammont ta' €50,000 [hamsin elf Euro] kontra l-intimat u ghamlu diversi sekwestratarji bil-konsegwenza naturali li din iggib maghha fejn jinzamm dak l-ammont minn kull sekwestratarju;*

*Illi minbarra l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju in kwistjoni r-rikorrenti intavolaw kawza, u l-kawzali tal-mandat odjern huma dwar danni li kienu u ghadhom qed jigu kawzati lir-rikorrenti wara li l-intimat Scott zamm ghandhu f'Malta llegalment il-boat 'Nauti Knights / Gena 4' li hija ta' propjeta' tar-rikorrenti VBKS Leasing DOO u chartered lil NEJC Turizem DOO minkejja bosta interpellazjonijiet[1];*

*Illi ghalhekk il-premessi huma li l-bicca tal-bahar qed tinzamm Malta illegalment u li din hija propjeta ta' VBKS Leasing DOO u chartered lil NEJC Turizem DOO;*

*Illi l-hrug ta' tali mandat kawtelatorju mhux neccessarju ghas segwenti ragunijiet:*

*1. Illi Nejc Tourism d.o.o. S136226181 u The 88 Holdings Limited kienu ffirmaw ftehim li semmew* **Boat Rental Contract** *fit-3 ta' April 2013, koncernanti l-bicca tal-bahar in kwistjoni. Illi ghalhekk l-intimat mhux il-legittimu kontraditur peress li l-ftehim sar ma' The 88 Holdings Limited.*

*2. Illi l-imsemmi ftehim ossia* **Boat Rental Contract** *datat 3 ta' April 2013 jikkoncerna kirja tal-bicca tal-bahar f'Malta ghal perijodu bejn l-1 ta' Mejju 2013 sal-5 ta' Otubru 2016, u ghalhekk dan il-perijodu ghadu ghaddej. Konsegwentament, ai termini ta' l-Art. 836(1)(b), waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti. Minbarra dan, il-fatt li t-terminu operattiv tal-kirja ghadu fis-sehh, jidher b'mod manifestament car ai termini ta' l-Art. 836(1)(d), li l-ammont mitlub ma hux prima facie ġustifikat;*

---

[1] *Sottolinjar ta' l-esponenti.*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas suespost l-obbligi kollha ta' The 88 Holdings Limited gew osservati fl-intier taghhom, inkluz pagamenti dovuti, u ghalhekk ma hemm ebda morozita minn naha ta' l-esponenti, u dan ukoll jinghad ai termini ta' l-Art. 836(1)(b);*

*4. Illi l-istess ftehim jaghmliha cara li l-Qrati kompetenti huma dawk ta' Koper, Slovenja u ghalhekk huwa car li l-Qrati ta' Malta m'ghandhomx gurisdizzjoni;*

*5. Illi Nejc Tourism d.o.o. S136226181 u l-esponenti flimkien ma' martu ta' dak iz-zmien Jette Scott kienu ffirmaw ftehim li semmew* ***Business Cooperation Contract / Agreement*** *fit-3 ta' April 2013, koncernanti l-bicca tal-bahar in kwistjoni;*

*6. Illi tali fethim kien jikkonsisti fil-fatt li kif l-esponenti u martu ta' dak iz-zmien ihallsu €349,000 [tlett mija disa u erbghin elf Euro] jakkwistaw l-bicca tal-bahar in kwistjoni. Fil-fatt sal-lum diga thallsu aktar minn €270,000 [mitejn u sebghin elf Euro]; Dan il-ftehim jaghmilha cara li*

*"the landlord makes a commitment that, upon the payment of total debt-leasing, which is = 349.000,00 EUR, the ownership is transferred to the personal Users / Administrators: Ms Scott Jette and Mr Scott Glen James....."*[2]

*Minn hawn johrog car kemm dak li sar huwa ftehim ta' bejgh u xejn iehor. Imkien ma inghad li jekk ma jsirx il-hlas f'xi terminu specifikat jaqa' kollox kif insibu fil-hire purchase agreements. B'dan il-ftehim il-bejgh kien maghluq u kien fadal biss li jsiru r-rimanenti pagamenti. Illi konsegwentament ai termini ta' l-Art. 836(1)(b), waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti, u ai termini ta' l-Art. 836(1)(d), li l-ammont mitlub ma hux prima facie ġustifikat*

*7. Illi l-istess ftehim jaghmliha cara li l-Qrati kompetenti huma dawk ta' Koper, Slovenja u ghalhekk huwa car li l-Qrati ta' Malta m'ghandhomx gurisdizzjoni. Dan jinghad ai termini ta' l-Art. 836(1)(f) fejn dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

---

*Ghal dawn ir-ragunijiet l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka ghal kollox jew in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern;*

*Bl-ispejjes kollha, inkluzi dawk necessarji ghat-thassir tal-mandat odjern kontra r-rikorrenti, b'riserva ghal kull jedd ta' danni u imghaxijiet jew ghal kull jedd iehor spettanti lill-esponenti kontra r-rikorrenti skond il-ligi."*

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Jannar 2016, fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-14 ta' Jannar 2016 f'12:05pm;

Rat illi l-atti tar-rikors, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Jolanda Drobez nomine tal-14 ta' Jannar 2016 (a fol. 10 et seq) li taqra hekk:

*"Illi l-esponenti nomine ġie notifikat b'rikors ta' Glen Scott għar-revoka ta' mandat ta' sekwestru fuq ċitat intavolat mill-esponenti fil-kuntest tal-kawża għal danni fl-istess ismijiet li qed tinstema' minn din l-Onorabbli Qorti kif presjeduta (1092/2015 JPG).*

***1.0 Osservazzjonijiet preliminari***

*Illi qabel xejn l-esponenti tixtieq umilment tirrileva illi dan ir-rikors u d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti bl-avviż tas-smiegħ ġie notifikat it-Tnejn, 11 ta' Jannar pero, għalkemm din il-Qorti tat ġimgħa żmien għar-risposta, biex ma tintilifx is-seduta sejra titressaq risposta sad-data tas-seduta. Minħabba f'dan pero, l-esponenti tirriserva illi tressaq sottomissjonijiet verbali f'iżjed dettall.*

*Illi t-tieni sottomissjoni preliminari tal-esponenti tirreferi għall-ordni tal-Qorti li tiġi eżebita d-dokumentazzjoni illi abbazi tagħha tressqet it-talba attriċi. F'dan ir-rigward*

*l-esponenti umilment tinnota illi l-mandat ta' sekwestru sar biex jikkawtela pretensjoni illi, kif ġa ntqal, ġiet intavolata f'kawża appuntata* quddiem *din il-Qorti kif presjeduta [1092/15 JPG].*

*Għall-prattiċita, l-esponenti pero' qiegħda teżebixxi kopja tal-istess rikors maħluf, b'anness miegħu d-*dokumenti kollha annessi mal-atti tal-*kawża. [faxxikolu* **Dok JD 1***] Dawn id-dokumenti qed jitressqu in ottemperanza mad-digriet tal-Qorti u mad-dettami tal-liġi, mingħajr preġudizzju pero għas-sottomissjonijiet li ser isiru aktar tard f'din ir-risposta, senjatament li f'dan l-*istadju *il-Qorti għandha biss tiżen il-fatti fuq bażi prima facie* kemm tassigura *illi l-attriċi għandha almenu bażi fuq xhiex tipproċedi. F'dan l-istadju m'għandhiex għalfejn l-esponenti turi li għandha biżżejjed provi u argumenti biex tirbaħ il-kawża fil-*mertu.

## *2.0 Sfond ta' dritt*

*Illi fir-rikors tiegħu Glenn Scott qed jistrieħ fuq l-*artikli ***836****(1)(b), (d) u (f) tal-*Kap 12 *tal-Liġijiet ta' Malta, li jgħidu hekk:*

> *836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att* kawtelatorju, *jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
>
> *(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att* kawtelatorju *ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;*
>
> *…*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

…

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

## *3.0 Kuntest fattwali u raġuni għall-ħruġ tal-mandat*

*Il-fatt li taw lok għall-kawża u għall-mandat li tiegħu qed tintalab ir-revoka jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej. Dawn il-fatti ġa ġew esposti fir-rikors promotur tal-kawża fejn, naturalment, ġew konfermati bil-ġurament. Se jiġu mtennija hawn fil-qosor:*

- *Jolanda Drobež hija direttriċi, azzjonista u rappreżentanta tal-kumpanija rikorrenti Nejc Turizem d.o.o., kumpanija estera reġistrata ġewwa s-Slovenja bin-numru SI36226181. Din il-kumpanija topera fin-negozju tal-yachting u yacht leasing.*

- *Nhar id-9 t'Ottubru, 2012, Nejc Turizem D.O.O kif rappreżentata minn Jolanda Drobež , akkwistat id-dgħajsa "Azimut 55 power boat", numru ta' reġistrazzjoni IZ-2152, Hull Number IZ-AZI55228G606 ġja magħrufa bħala GENA 4, u llum jisimha Blondy/Nauti Knights 88; Dan l-akkwist sar permezz ta' finanzjament minn għand VBKS Leasing li hija wkoll rikorrenti f'dawn il-proċeduri;*

- *Il-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' leasing b'dan illi l-proprjeta' tal-bastiment tibqa' vestita fil-kumpanija VBKS Leasing d.o.o sakemm jitħallsu l-pendenzi kollha. Il-prezz tal-bastiment kien ta' Eur 590,000 u l-arranġament kien fis-sens illi jitħallas depożitu ta' Eur 130,000 u VAT, u, sussegwentement, 48 rata mensili ta' Eur 7,375.Il-bastiment għadu s'issa proprjetà ta' VBKS Leasing d.o.o kif jidher mill-kopja tad-dokument ta' reġistrazzjoni eżebit mar-rikors promotur tal-kawża;*

- *Ftit wara, u senjatament fit-3 t'April, 2013 bl-approvazzjoni ta' VBKS Leasing, Nejc Turizem D.O.O, daħlet fi ftehim ma' Glen Scott, il-mara tiegħu Jette Scott*

*kif ukoll mas-soċjeta' 88 Holdings Limited rappreżentata mill-istess konjuġi Scott, li permezz tiegħu Nejc Turizem D.O.O intrabtet li tgħaddi l-pussess tad-dgħajsa surreferita lil Scott, b'dan li dawn iħallsu kera tal-bastiment ai termini ta' Vessel Leasing Contract [. Fl-istess waqt sar ukoll "Business Cooperation Contract" bejn l-istess partijiet fejn ġie miftiehem li l-konjuġi Scott jakkwistaw il-bastiment billi jħallsu rati mensili direttament f'kont li Nejc Turizem għandha mal-intimata l-oħra VBKS Leasing d.o.o; L-arranġament kien intiż biex meta Nejc Turizem d.o.o takkwista l-bastiment mingħand VBKS Leasing d.o.o (naturalment ladarba jitħallsu l-iskadenzi kollha), u dment li Scott ikunu ħallsu l-ammonti kollha dovuti skont il-ftehim, il-bastiment jiġi akkwistat minn Scott*

- *Glen Scott ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-pagamenti kif kien obbligat li jagħmel, hu baqa' inadempjenti u ddekada għal diversi xhur; Kemm hu hekk, l-aħħar pagament sar fil-5 ta' Mejju, 2014, u kien jikkonsisti f'parti biss mill-iskadenza dovuta fl-4 ta' Frar, 2014. Minn dakinhar lil hawn ma sarux pagamenti oħra*

- *Jsegwi illi Glenn Scott żamm il-bastiment f'Malta meta mhux biss ma kellux titolu, iżda kien saħansitra ddekada mill-obbligi tiegħu;*

- *Fattwalment, in vista tan-nuqqas ta' pagamenti minn Glen Scott, VBKS Leasing [sid il-bastiment] rtirat l-awtorizzazzjoni tagħha għall-kontinwazzjoni tal-leasing arrangement mal-kumpanija ta' Glen Scott*

- *Minkejja li mgħarraf b'dan kollu, Glen Scott mhux talli ma rritornax il-bastiment lejn is-Slovenja, iżda talli, fit-13 ta' Marzu, 2015 intavola mandat t'arrest fuq il-bastiment (432/15) bl-għan ċar illi jżomm il-bastiment f'Malta;*

- *Dan il-mandat ma ġiex segwit b'xi proċeduri skont il-liġi (Artiklu 843 u 855(2) tal-Kap 12) u ġie eventwalment irtirat;*

- *Fl-24 ta' Gunju, 2015 Glen Scott ippreżenta mandat t'arrest ġdid li fih ippremetta illi peress li huwa ħallas parti mill-ammont dovut huwa għandu dritt*

*iżomm id-dgħajsa u dan bi ksur ta' ordni li ħareġ mis-sid preżenti u cioe ir-rikorrenti VBKS Leasing;*

- *Nhar is-16 ta' Lulju, 2015 ir-rikorrenti ippreżentaw rikors għar-revoka tal-mandat t'arrest. Huma rrilevaw illi ż-żamma tal-bastiment hawn Malta minn Glen Scott mhux talli kien ksur tal-obbligi kuntrattwali ta' Glen Scott, iżda talli saħansitra kien jekwivali għal ksur tal-Kodiċi Kriminali tas-Slovenja. Kemm hu hekk, wara rapport li sar minn Jolanda Drobež, u investigazzjoni mill-Pulizija fis-Slovenja, inħarġu akkużi kriminali fil-konfront tal-konjuġi Scott ġewwa s-Slovenja;*

- *Fil-21 ta' Lulju, 2015, l-Onorabbli Qorti laqgħet it-talba tal-intimati għar-revoka tal-mandat t'arrest*

- *Propju ftit mumenti wara, l-konsulenti legali tar-rikorrenti saru jafu illi Glen Scott intavola rikors għal ħruġ ta' mandat t'inibizzjoni li, għalkemm ġie proviżorjament milqugħ, ġie eventwalment miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess Scott inter alia għar-raġuni li Scott ripetutament naqas illi jsegwi l-mandati tiegħu b'xi proċeduri f'Malta jew l-iSlovenzja*

- *Sadanittant, fuq talba tal-awtoritajiet Sloveni li saret tramite l-awtoritajiet ġudizzjarji u l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, ittieħdu proċeduri f'Malta mill-Pulizija sabiex, fuq ordni tal-awtoritajiet ġudizzjarji Sloveni, id-dgħajsa tiġi ritornata lil Jolanda Drobež , qua rappreżentanta tar-rikorrenti; Dwar dan, fil-kawża fil-mertu, se jitressqu bħala xhieda kemm rappreżentanti tal-Awtoritajiet Maltin kif ukoll dawk Sloveni*

- *Anke fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri, l-intimat Scott baqa' jirrifjuta li jirritorna d-dgħajsa u fixkel u tawwal il-proċeduri billi, ngħidu aħna, naqas illi jirritorna ċ-ċwievet tad-dgħajsa minkejja illi hekk ordnat mill-Qorti u mill-Pulizija ta' Malta. Sallum, il-proċeduri għadhom ma ngħalqux;*

- *L-aġir ta' Glen Scott, li bir-rispett huwa frivolu, vessatorju u jikkostitwixxi abbuż tal-proċeduri ġudizzjarji, espona lil Jolanda Drobež bħala direttriċi tal-intimata Nejc Turizem D.O.O għal danni konsiderevoli. Fost l-oħrajn, minħabba li ma kinitx qed tirċievi l-ħlasijiet mingħand Scott, Nejc Turizem min-naħa tagħha waqgħet lura fil-ħlasijiet lil VBKS Leasing. VBKS Leasing, bħala s-sid tal-bastiment (i) irtirat il-kunsens tagħha illi d-dgħajsa tintuża minn terzi (ii) ordnat lil Jolanda Drobež , bħala rappreżentanta ta' Nejc Turizem, sabiex immedjatament tirritorna l-bastiment lil VBKS Leasing.*

- *Anke s-sekwestranti VBKS Leasing d.o.o. bħala sid id-dgħajsa qed tisfa ppreġudikata bl-aġir ta' Scott;*

- *Fir-rikors maħluf, Drobez nomine tagħti lista tad-danni sofferti u li qed jiġu sofferti mir-rappreżentati tagħha. Id-danni jistgħu jinġabru kif ġej:*

- *Telf ta' charters tad-dgħajsa ta' valur ta' mill-anqas **elf u ħames mitt Euro [€ 1500]** kuljum*

- *Spejjeż inkorsi minn Jolanda Drobež biex ġiet diversi drabi hawn Malta biex issegwi d-diversi viċendi ġudizzjarji, inkluż titjiriet lejn u minn Malta, u spejjeż ta' akkomodazzjoni fl-ammont ta' madwar mitejn Euro (€ 200) kuljum*

- *Spejjez ta' insurance u drittijiet ta' rmiġġ dovuti lil Kalkara Marina, li Glen Scott baqa' u li r-rikorrenti se jkollhom iħallsu jekk u meta d-dgħajsa tiġi rilaxxata; biżżejjed jingħad illi l-Marina msemmija ntavolat mandat t'arrest fuq id-dgħajsa għal valur li jeċċedi l-ħdax-il elf Euro u, din il-Qorti tgħallimna li pretensjoni bħal din toħloq privileġġ fuq id-dgħajsa; Dan il-mandat ġie segwit minn kawża [328/2015 FD] li Scott lanqas indenja ruħu jikkontesta, u li mistennija illi tinqata' (naturalment favur il-marina) fit-18 ta' Jannar, 2016 [ara **Dok JD2**]*

- *Spejjeż ta' surveys u/jew ta' tiswijiet li jista' jkun hemm bżonn minħabba li d-dgħajsa ilha ma tintuża in vista tal-proċeduri ġudizzjarji*

- *Spejjeż legali u ġudizzjarji*

- *Spejjeż oħra relatati bħal telefonati;*

- *Illi kien in kawtela ta' dawn il-pretensjonijiet tagħha illi r-rikorrenti nomine intavolat mandat ta' sekwestru kontra Glen Scott nhar id-29 t'Ottubru, 2015, iżda huwa għadu sallum inadempjenti;*

- *Għal kull bwon fini, l-esponenti nomine hija mgħarrfa li l-konjuġi Scott fil-frattemp iddivorzjaw u li l-interess fid-dgħajsa ġie assenjat lil Glenn Scott*

*Jingħad fl-aħħarnett illi dawn il-fatt ġew kollha ikkonfermati bil-ġurament minn Jolanda Drobez u sostnuti b'dokumentazzjoni li ġiet annessa mar-rikors maħluf;*

## *4.0 Sottomissjonijiet legali*

*L-esponenti sejra issa tressaq is-sottomissjonijiet legali tagħha. Qabel xejn ser tispjega għalfejn jidhrilha li l-mandat tagħha għandu jibqa' fis-seħħ. Imbagħad sejra tindirizza l-argumenti speċifiċi li qajjem Glenn Scott fir-rikors tiegħu.*

*4.1 Rekwiżiti biex mandat jibqa' fis-seħħ:*

*Illi fid-deċizjoni fl-ismijiet "Desmond Stanley Stuart vs Therese Mangion Galea"[3], il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili elenkat sintetikament l-elementi sabiex persuna tkun tista' toħroġ mandat kawtelatorju u stqarret hekk:*

> *Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew*

[3] *Prim Awla tal-Qorti Ċivili (JRM), 336/2005, deċiża 29 ta' Lulju, 2005*

*dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu;*

*L-esponenti. tissottometti illi dawn ir-rekwiżiti (a) sa (d) kif spjegati f'din is-sentenza ġew milħuqa u rispettati fil-każ odjern:*

*(a) Il-pretensjoni tad-dritt hija ċara u spjegata f'dettall fir-rikors maħluf. Jekk tista' tinġabar fi ftit kliema, l-esponenti ssostni illi Glen Scott qiegħed iżomm il-bastiment f'Malta illegalment u li inoltre, biex jittenta jagħmel dan abbuża mis-sistema ġudizzjarja billi intavola mandati wieħed wara l-ieħor illi naqas li jsegwihom b'kawża u/jew ġew revokati mill-Qorti għal raġunijiet tajba miġjuba mill-esponenti stess;*

*(b) Il-kawża għal danni ġiet debitament intavolata (u fit-terminu ta' għoxrin jum kif mitlub fil-liġi). Qiegħda pendenti quddiem din il-Qorti kif presjeduta, appuntata għall-ewwel ġimgħa ta' Frar.*

*(c) Il-mandat huwa proċeduralment korrett; kemm hu hekk, m'hemm ebda kontestazzjoni dwar dan;*

*(d) Ħareġ u ġie eżegwit fuq talba ta' u taħt ir-responsabbilita' tal-esponenti nomine.*

*Prima facie, mela l-mandat ta' sekwestru huwa wieħed validu u jistħoqqlu li jibqa' fis-seħħ. Għalhekk, huwa r-rikorrenti Glenn Scott li jeħtieġlu jikkonvinċi lil din il-Qorti li mhux biss għandu raġunijiet validi għar-revoka tal-mandat, iżda wkoll illi dawn jaqgħu taħt il-parametri tal-Artiklu 836 tal-Kap 12 u speċifikament taħt l-artikli partikolari minnu invokati. Dawn l-artikli ser jiġi indirizzati issa b'mod speċifiku u fl-istess ordni.*

*4.2 Waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti; 836(1)(b)*

*Scott jorbot dan il-kap mal-allegazzjoni tiegħu illi l-bejgħ kien ipperfezzjonat meta ġie ffirmat il-Business Cooperation Contract / Agreement u li allura l-boat hija ġa tiegħu, salv li jitħallsu l-pendenzi rimanenti*

*F'dan ir-rigward, il-Qrati nostrani osservaw li din ir-raġuni [836(1)(b)] timplika li l-mandat ikun inħareġ korrettement iżda li, dejjem skond ir-rikorrent, tkun seħħet xi ħaġa fil-mori tiegħu li tagħti lok għat-tneħħija tal-mandat. Osservaw ukoll illi għalhekk dan l-artiklu ma japplikax fejn ir-rikorrenti jsostni li l-mandat qatt ma messu nħareġ. Hekk, f'deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Mejju, 2014, il-Qorti sabet li dan l-artiklu ma japplikax fejn l-argument tar-rikorrent kien ibbażat fuq nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet:*

> *Fi kliem iehor, din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-artikolu 836(1) trid li mandat ikun inhareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak il-Mandat jibqa' fis-sehh. Therese Mangion Galea v Desmond Stanley Stewart"P.A.JRM - dec. fid-29.7.2005. Fil-kaz odjern, l-argument tar-rikorrent jimplika li qatt ma messu nhareg il-mandat imsemmi minhabba li ma kienx hemm gja relazzjoni guridika bejn il-kontendenti.*[4]

*Anke fil-każ li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent mhux qed jilmenta minn xi fatti li allegatament seħħew wara li sar il-mandat, imma pjuttost qed isostni li l-mandat ma kellux jinħareġ mill-bidunett għaliex hu s-sid tad-dgħajsa. Għalhekk, b'kull rispett, dan l-artiklu tal-liġi ma japplikax u qed jiġi kkwotat totalment barra minn loku.*

*4.3 L-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

[4] *Avukat Antonio Depasquale nomine v World Match Limited, Prim Awla, 20.5.2014*

*4.3.1 Mandat mhux ġustifikat*

*L-istess raġuni (li Scott huwa sid id-dgħajsa abbażi tal-business cooperation contract), hija pero msemmija wkoll in konnessjoni mal-artiklu 836(1)(d). Ta' min, għalhekk illi tiġi ndirizzati fi ftit iżjed dettall. F'dan ir-rigward, l-esponenti ssostni illi din l-allegazzjoni hija nfondata fil-fatt u fid-dritt:*

- *Qabel xejn, il-kuntratt stess kif ikkwotat minn Scott jgħid illi upon payment of the total debt-leasing, which is 349,000 Eur, ownership is transferred to Ms Scott Jette and Mr Scott Glen James... Mela l-kuntratt, kif ikkwotat minn Scott stess, imeri l-argument tiegħu illi dan kien "ftehim ta' bejgħ u xejn ieħor" u li l-"bejgħ kien magħluq". Għall-kuntrarju, l-bejgħ kien dipendenti fuq il-fatt li jsiru l-pagamenti kollha;*

- *Il-bastiment għadu s'issa proprjeta tas-sekwestranta VBKS Leasing, u dan tixhdu wkoll ir-reġistrazzjoni uffiċjali tal-bastiment*

- *Il-pagamenti ma sarux u konsegwenza t'hekk, VBKS Leasing irtirat l-awtorizzazzjoni tagħha li l-boat jintuza minn Scott*

- *Scott donnu jinsa illi l-Qrati nostrani ġa ċaħdu l-pretensjonijiet tiegħu fuq bażi prima facie darbtejn (ġew eżebiti digrieti tar-revoka ta' mandat t'arrest u mandat t'inibizzjoni)*

- *Agħar minn hekk, jinsa illi l-awtoritajiet Sloveni għamlu talba lill-Awtoritajiet Maltin biex id-dgħajsa tiġi ritornata lis-sekwestranta ġewwa s-Slovenja. Mela, fuq bażi prima facie, dak li għandha quddiemha l-Qorti huma dikjarazzjonijiet tal-Awtoritajiet ġudizzjarji kemm Maltin u kemm Sloveni illi Scott m'għandux raġun fil-pretensjonijiet tiegħu. Dan mhux biss mill-punto di vista ta' liġi ċivili, imma wkoll fl-ambitu tal-liġi kriminali Slovena fejn l-aġir ta' Scott qiegħed addirittura jitqies bħala misapproprjazzjoni għad-dannu tal-esponenti u qed jintalab ir-ritorn tad-dgħajsa lejn is-Slovenja;*

*Issa naturalment Glenn Scott mhux qed jaqbel ma' din il-pożizzjoni tas-sekwestranta u, kif inhu mistenni, qed iressaq argumenti biex jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu. Din pero' hija kwestjoni li timmerita li tiġi dibattuta fil-kuntest tal-kawża fil-mertu u mhux fl-analizi prima facie illi l-Qorti bir-rispett hija msejħa tagħmel f'dan l-istadju. Il-fatt illi l-konvenut jista' juri li għandu xi argumenti x'iressaq in difiza tal-pretensjonijiet tar-rikorrenti ma jfissirx li hemm lok li jitneħħa l-mandat;*

*Għall-kuntrarju, dak li għandha tkun soddisfatta l-Qorti hi li teżisti l-bażi prima facie għall-pretensjoni tas-sekwestranta. Dwar dan l-aspett osservaw hekk il-Qrati nostrani*[5]

> *Skont l-artikolu 836(d) u (f) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' ġustifikat jew ikun eċċessiv, jew jekk jintwera li fiċ- ċirkostanzi ma jkunx raġjonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli. L-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan il-kuntest huwa wieħed 'prima facie' u l-Qorti m'għandiex tidħol fi kwistjonijiet li jirrigwardaw il-mertu tal-kawża bħal jekk is-sekwestrat huwiex leġittimu kontradittur tas-sekwestrant;*

*Illi ntqal ukoll* [6]

> *Il-Prim'Awla tkellmet b'iktar preċiżjoni dwar is-subartikolu 836(1)(d) fil-kaz fl-ismijiet "Stewart Desmond Stanley vs Therese Mangion Galea" tad-29 ta' Lulju 2005:*
>
> *"L-artikolu 836(1)(d) jiddisponi li mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk l-ammont mitlub m'huwiex 'prima facie' ġustifikat jew hu eċċessiv. Il-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt*

[5] *Ara Av Carmelo Castelli noe v Focal Maritime Services et, Prim Awla 26.04.2002*
[6] *Ara Avukat Antonio Depasquale nomine v World Match Limited, Prim Awla, 20.5.2014*

*din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li r-rikorrent eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni (dak li f'oqsma oħra ta' dritt jissejjaħ il-"fumus juris" tal-pretensjoni dedotta), u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mfixkel jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti. Biex ammont imsemmi f'att kawtelatorju jitqies li huwa eċċessiv, jeħtieġ li jintwera li dan ikun eżaġerat fid-dawl tat-talba li ssir jew ikun tant grossolan li ma jistax ma jidhirx mad-daqqa t'għajn bħala wieħed magħmul b'mod ażżardat".*[7]

*Illi l-punt kardinali li joħroġ minn dan huwa li l-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-każ imma għandha tistabilixxi qabel xejn jekk prima facie tissussistix il-pretensjoni tal-attur (u mhux jekk l-attur għandux raġun) u mbagħad jekk l-ammont indikat fil-mandat ta' sekwestru huwiex wieħed li raġjonevolment jirrifletti l-ammont tal-pretensjoni.*

*Fil-każ in eżami, għar-raġunijiet li ġa ġew spjegati, l-esponenti issostni li prima facie ċertament seħħilha turi li għandha pretensjoni fir-rigward ta' Glen Scott. Ovvjament, hija mbagħad din il-Qorti illi wara li tisma' l-provi b'serenita' tkun tista' tgħaddi għal sentenza fejn tilqa' jew tiċħad it-talbiet ta' Drobez Pero, il-pretensjoni tas-sekwestranta qiegħda hemm u, bir-rispett, hija waħda li prima facie hija raġjonevoli u ġustifikata. Sakemm tingħata d-deċiżjoni dwar il-mertu, is-sekwestranta għandha l-jedd, li wara kollox huwa mogħti lilha mil-liġi, illi tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha bil-ħruġ ta' mandat kawtelatorji.*

*4.3.2 <u>Dwar l-ammont;</u>*

[7] *Dwar din hija relevanti wkoll id-deċizjoni DIS Equipment Rental Limited v Rachib Laccheb et nomine, Prim Awla (JRM), 06.08.2009*

*Is-subartikolu 836(d) jolqot ukoll il-quantum pretiż mis-sekwestranta. Għandu jingħad illi fir-rikors tiegħu, Scott ma jressaq ebda argument li jolqot b'mod speċifiku l-kalkolu tal-quantum u pjuttost qed jistrieħ fuq argumenti ġeneriċi. Madanakollu, l-esponenti tħoss illi għandu tidħol anke f'din il-kwestjoni, anke biex umilment isserraħ moħħ il-Qorti illi din mhijiex xi pretensjoni "minfuħa" jew eżaġerata;*

*Huwa sottomess illi l-ammont mitlub ta' Eur 50,000 jirrifletti dak li ntalab fir-rikors maħluf. Il-pretensjoni tinkludi talba għal telf ta' charters fl-ammont ta' elf u ħames mitt Euro kuljum li, kulmin jaħdem f'dat-tip ta' negozju, jista' jikkonferma li mhuwiex xi ammont eżagerat. Issa, elf u ħames mitt Ewro, ikkalkolat fuq medda ta' biss sitt xhur jammonta għal ammonta ta' € 273,750.*

*Parti oħra mill-pretensjoni attriċi tirreferi għal berthing fees dovuti lill-Kalkara Marina li qed jiġu nkorsi sakemm id-dgħajsa għadha rmiġġjata, taħt l-awtorita' tal-Qrati Kriminali Maltin (sakemm tintbagħat lura s-Slovenja). F'dan ir-rigward, issir referenza għall-kawża pendenti li saret mill-marina għall- ammont li jizboq il-ħdax-il elf Euro. Issa huwa minnu illi l-marina se ġġib sentenza kontra Scott. Madanakollu, kif taf il-Qorti, drittijiet ta' rmiġġ joħolqu privileġġ fuq id-dgħajsa u, kemm hu hekk, in kawtela tal-pretensjoni tagħhom, il-Marina ħarġu mandat t'arrest fuq il-bastiment li, naturalment, mhux ser jitneħħa qabel ma jitħallas l-ammont pretiż.*

*Illi anke jekk wieħed iħares biss lejn dawn l-ispejjez u jinsa għal mument spejjez oħra (surveys, tiswijiet, drittijiet legali) mill-ewwel wieħed jinduna illi ammont ta' ħamsin elf huwa wieħed konservattiv u ċertament mhux eżaġerat.*

*Huwa għalhekk sottomess illi anke taħt dan il-kap, it-talba ta' għar-revoka tal-mandat għandha tiġi miċħuda.*

*4.4 Jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.*

*Illi dan huwa possibilment l-aktar kap wiesgħa li qed jiġi invokat. Scott pero' jorbtu primarjament ma' gravam speċifiku ħafna u ċjoe, illi huma l-Qrati ta' Koper, fis-Slovenja, illi għandhom ġurisdizzjoni dwar il-kuntratti bejn il-partijiet, u mhux il-Qrati Maltin.*

*Dwar dan, l-esponenti għandha dan xi tgħid:*

- *Qabel xejn, argument imsejjes fuq ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin jista' semmai, ikun argument validu f'kawża fil-mertu. Madanakollu, sakemm jiġi deċiż il-każ fil-mertu, mhuwiex raġuni biżżejjed biex jitneħħa mandat;*

- *Għall-kuntrarju, hemm sitwazzjonijiet fejn addirittura jista' jitressaq mandat kawtelatorju f'Malta sakemm jinqatgħu proċeduri barra minn Malta; Fi kliem ieħor, allegat nuqqas ta' ġurisdizzjoni per se ma jxejjinx il-validita' ta' mandat*

- *Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, irid jingħad illi mhux kontestat illi fl-agreements bejn il-partijiet hemm klawżola dwar il-ġurisdizzjoni u li hemm qbil li din hija tal-Qrati Sloveni ta' Koper; Madanakollu, id-danni pretiżi mill-attriċi (u li, in kawtela tagħhom, inħareġ il-mandat attakkat) ġew sofferti b'konsegwenza ta' aġir tas-sekwestrat li sar u seħħ hawn Malta;*

- *Element essenzjali ngħidu aħna huma l-mandati kawtelatorji li ġew intavolati wieħed wara l-ieħor minn Scott, mingħajr ma qatt ġew segwiti b'kawża u (kif fl-aħħar mill-aħħar iddeċidiet ġa l-Qorti) mingħajr bażi prima facie għalihom;*

- *Mela, anke jekk il-ġurisdizzjoni dwar il-kuntratti bejn il-partijiet hija tal-Qrati Sloveni, tal-Qrati Maltin hija l-ġurisdizzjoni dwar danni sofferti f'Malta ikkawżati minn proċeduri quddiem il-Qrati Maltin;*

- *Hawnhekk ukoll l-esponenti ma tistax ma tinnutax illi huwa tassew ironiku illi Scott qiegħed iqajjem difiża msejsa fuq ġurisdizzjoni meta kien hu li ripetutament fittex rimedji quddiem il-Qrati Maltin; Jekk qiegħed jaqbel illi l-kuntratti huma regolati b'liġi Slovena u b'ġurisdizzjoni tal-Qrati Sloveni, għalfejn mhux qed jottempera ruħu mat-talba tal-Qrati Sloveni li jirritorna d-dgħajsa s-Slovenja u, semmai, jvanta l-pretensjonijiet tiegħu hemm?!*

*4.5 Punti oħra*

*Fir-rikors tiegħu, Glen Scott jagħmel obiter argumenti oħra bla ma neċessarjament jorbothom ma xi wieħed mis-subartikoli li fuqhom qed isejjes it-talbiet tiegħu. Għall-kompletezza, l-esponenti ser tindirizzahom hawn:*

*4.5.1 <u>Jekk Scott huwiex leġittimu kontradittur</u>*

*Scott jgħid li mhux leġittimu kontradittur stante li ma kienx personalment parti fil-Boat Rental Contract li sar bejn Nejc Turizem u The 88 Holdings Limited. Apparti l-fatt illi "The 88 Holdings Limited" hija kumpanija ta' Scott stess, mhux kontestat illi l-arranġament bejn il-partijiet huwa wkoll regolat b'Business Cooperation Contract / Agreement li fih Glen Scott fil-vesti personali tiegħu kien parti (kif jammetti Scott stess fir-rikors tiegħu).*

*Inoltre, lanqas huwa kontestat illi d-diversi mandati u proċeduri fil-Qrati Maltin saru minn Glenn Scott, u dejjem personalment u mhux f'isem xi kumpanija.*

*Lanqas huwa kontestat illi l-proċeduri kriminali Sloveni u l-ordni sabiex id-dgħajsa tintbagħat lura s-Slovenja saret lil Glen Scott personalment.*

*Għalhekk, fuq almenu u ċertament fuq bazi prima facie Scott huwa leġittimu kontradittur u l-mandat għandu jibqa' fis-seħħ fil-konfront tiegħu.*

*4.5.2 <u>Il-fatt li saru diversi sekwestrarji bil-konsegwenza li se jinzamm dak l-ammont minn kull sekwestrarju</u>*

*Hija l-prassi u m'hemm xejn illegali fil-fatt illi ġew indikati diversi sekwestrarji. Anzi, komparat ma' ċerti sekwestri fejn tingħata lista tal-banek u l-istituti finanzjarji kollha tal-gżira, is-sekwestranta f'dan il-każ imxiet b'mod kawt.*

*LI huwa sinjifikanti pero huwa l-fatt illi Scott ma ġab ebda prova li saru xi depożiti doppji. U bir-raġun għaliex minn riċerka li għamlet l-esponenti, s'issa* ***<u>ebda sekwestratarju ma ddepożita xi fondi</u>****. [Dok* ***JD 3****]Tenut kont li t-terminu statutorju biex sekwestranti jagħmlu d-depożitu għadda, dan jagħti x'jifhem illi s-sekwestratarji, almenu sa dan il-mument, ma għandhom fondi ta' Scott f'idejhom. Mela Scott ma huwa qed ibati ebda preġudizzju.*

***5.0 Konklużjoni***

*Fl-aħħarnett, l-esponenti umilment ittenni illi Glenn Scott bl-ebda mod ma wera li s-sekwestranta m'għandhiex jedd prima facie x'tikkawtela bil-mandat ta' sekwestru tagħha. Kulma, dato ma non concesso, forsi seħħlu juri hu li għandu xi argumenti x'iressaq b'difiża għall-pretensjonijiet attriċi. Jekk dawn, imbagħad, humiex ġustifikati jew le hija kwestjoni li l-partijiet ser ikollhom ċans jiddibattu quddiem din il-Qorti fil-kawża fil-mertu. Ċertament pero li dan ma jiġġustifikax illi l-mandat jitneħħa.*

*Għar-raġunijiet premessi, u mingħajr preġudizzju għal sottomissjonijiet ulterjuri li jistgħu jitressqu verbalment, huwa umilment sottomess illi t-talbiet tar-rikorrenti Glenn Scott għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Fix-xhieda tieghu Glen Scott (Vide fol.86 et seq.) jsostni li l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1694/2015 huwa insostenibbli ghaliex il-kuntratt dwar id-dghajsa kien sar fl-iSlovenja u skond l-istess kuntratt, il-gurisdizzjoni f'kaz ta' disputa, kienet tghajjat lill-Qrati Slovenji.

Huwa xhed illi kien xtara d-dghajsa **Nauti Knights** permezz ta' *purchase agreement* ghall-prezz ta' €349,000 u minnhom kien gia hallas €270,000, waqt li kien ghad fadal il-bilanc ta' madwar €77,000. Huwa sostna li kien talab rendikont lill-kontroparti, li informatu li kien ghad fadal bilanc ta' €177,000 (minhabba xi taxxa jew VAT dovut), izda qatt ma ha spjegazzjoni piena. (vide fol. 89)

Huwa kkonferma in kontro-ezami, li kien intavola diversi proceduri f'Malta inkluz l-Mandati t'Arrest u Mandat t'Inibizzjoni, li minnhom wiehed gie irtirat waqt li t-tnejn l-ohra gew regettati mill-Qrati. Di piu'Kalkara Marina fethet proceduri ulterjuri ghal mizati t'irmigg u nghatat sentenza mill-Qrati Maltin f'dan ir-regward.

Glen Scott nnega li kien hemm pendenti kontra tieghu xi procedura kriminali fl-iSlovenja u sostna li kien hemm inkjesta miftuha fi Slovenja izda din kienet ghadha mhux konkjuza.

Emanuel Delia a fol. 94 et seq., kkonferma li kien jassisti lir-rikorrenti fil-proceduri fl-Slovenja, liema proceduri kienu jikkonsistu f'talba sabiex t-titolu tad-dghajsa tghaddi fuq Glen Scott kif jhallas il-prezz mifthiem ta' €349,000 u proceduri ohra sabiex

jinibixxi lill-Awtoritajiet Slovenji milli jitrasferixxi d-dghajsa lil haddiehor sakemm l-ewwel proceduri jigu decizi finalment.

Delia ikkonferma ukoll illi l-inkjesta fuq indikata kienet inkjesta gudizzjarja.

Mistoqsi jekk effettivament kienx hemm flus ta' Scott li gew sekwestrati permezz ta' procedura lamentata, Delia wiegeb li ma kellux access ghall-kontijiet bankarji ta' Glen Scott

Illi mill-provi prodotti minn Jolanda Drobež direttriċi, u azzjonista tal-kumpanija rikorrenti Nejc Turizem d.o.o., kumpanija estera reġistrata ġewwa s-Slovenja bin-numru SI36226181, jirrizulta li din il-kumpanija topera fin-negozju tal-*yachting* u *yacht leasing*.

Drobez sostniet li fid-9 t'Ottubru, 2012, Nejc Turizem D.O.O minnha rapprezentata, akkwistat id-dgħajsa "Azimut 55 power boat", numru ta' reġistrazzjoni IZ-2152, Hull Number IZ-AZI55228G606, ġja GENA 4, Blondy/Nauti Knights 88; Dan l-akkwist sar permezz ta' finanzjament minn għand VBKS Leasing li hija wkoll rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

Filwaqt li r-rikorrenti Scott sostna li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' bejgh semplici bi hlas b'rati mensili, Drobez nomine et sostnew li l-ftehim bejn il-partijiet kien wieħed ta' *leasing* b'dan illi l-proprjeta' tal-bastiment tibqa' vestita fil-kumpanija VBKS Leasing d.o.o sakemm jitħallsu l-pendenzi kollha. Drobez sostniet li l-prezz tal-bastiment kien ta' Eur 590,000 u l-arranġament kien fis-sens illi jitħallas depożitu ta' Eur 130,000 u VAT, u, sussegwentement, 48 pagamenti mensili ta' Eur 7,375. Hija ddikjarat li l-bastiment kien għadu proprjetà ta' VBKS Leasing d.o.o kif jidher mill-kopja tad-dokument ta' reġistrazzjoni eżebit mar-rikors promotur tal-kawża.

Drobez nomine et sostnew li fit-3 t'April 2013, bl-approvazzjoni ta' VBKS Leasing, Nejc Turizem D.O.O, daħlet fi ftehim ma' Glen Scott, il-mara tiegħu Jette Scott u mas-soċjeta' 88 Holdings Limited, rappreżentata mill-istess konjuġi Scott, li permezz tiegħu

Nejc Turizem D.O.O intrabtet li tgħaddi l-pussess tad-dgħajsa rilevanti lil Scott, b'dan li dawn iħallsu kera tal-bastiment ai termini ta' Vessel Leasing Contract. Intqal ukoll li sar "Business Cooperation Contract" bejn l-istess partijiet fejn ġie miftiehem li l-konjuġi Scott jakkwistaw il-bastiment billi jħallsu rati mensili direttament f'kont li Nejc Turizem għandha mal-intimata l-oħra VBKS Leasing d.o.o. L-arranġament kien intiż biex meta Nejc Turizem d.o.o takkwista l-bastiment mingħand VBKS Leasing d.o.o (cioe'meta jitħallsu l-pagamenti mensili kollha), skond il-ftehim, il-bastiment jiġi finalment akkwistat minn Scott.

Skond Drobez, Glen Scott ġie interpellat diversi drabi sabiex iħallas il-pagamenti kif kien obbligat li jagħmel, izda baqa' inadempjenti, u l-aħħar pagament parzjali sar fil-5 ta' Mejju 2014. Minn dakinhar lil hawn ma sarux pagamenti oħra.

Drobez nomine et jsostnu li Glenn Scott żamm il-bastiment f'Malta illegalment u in vista ta dan, VBKS Leasing (sid il-bastiment) rtirat l-awtorizzazzjoni tagħha għall-kontinwazzjoni tal-*leasing arrangement* mal-kumpanija ta' Glen Scott

Glen Scott pero ghazel li ma rritornax il-bastiment lejn is-Slovenja, u fit-13 ta' Marzu, 2015 intavola mandat t'arrest fuq il-bastiment (432/15). Dan il-mandat ġie irtirat. Fl-24 ta' Gunju, 2015 Glen Scott ippreżenta mandat t'arrest ġdid, u fis-16 ta' Lulju, 2015 Drobez nomine et ippreżentaw rikors għar-revoka tal-mandat t'arrest.

Di piu kien sar rapport minn Jolanda Drobež, u inbdew investigazzjoni mill-Pulizija fis-Slovenja, fil-konfront tal-konjuġi Scott.

Fil-21 ta' Lulju, 2015, l-Qrati Maltin rrevokaw tal-Mandat t'Arrest.

Glen Scott intavola rikors għal ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni li, ġie proviżorjament milqugħ, pero gie sussegwentement miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess Scott li naqas illi jsegwi l-mandati tiegħu b'xi proċeduri f'Malta jew fl-Slovenja.

Fir-risposta mahlufa , Drobez tagħti is-segwenti lista tad-danni sofferti mill-intimati:

Telf ta' *charters* tad-dgħajsa ta' valur ta' mill-anqas **elf u ħames mitt Euro [€ 1500]** kuljum;

Spejjeż ta' vjaggar minn Jolanda Drobež biex issegwi l-proceduri ġudizzjarji, inkluz l-akkomodazzjoni taghha fl-ammont ta' cirka mitejn Euro (€ 200) kuljum;

Spejjez ta' insurance u drittijiet ta' rmiġġ dovuti lil Kalkara Marina, kanonizzati kontra Glen Scott, liema spejjez isegwu d-dgħajsa;

Spejjeż ta'varji bhal tiswijiet tad-dgħajsa, spejjeż legali u ġudizzjarji.

Jidher li l-konjuġi Scott fil-frattemp iddivorzjaw u li l-interess fid-dgħajsa ġie assenjat lil Glenn Scott

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka ta' Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1694/2015 ai termini tal-Artikolu 836(1) (b), (d) u (f) tal-Kapitolu 12.

Illi l-**Artikolu 836 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li:-

> ***"836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:***
>
> ***(a) Omisses;***
>
> ***(b) li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju ma tkunx għadha fil-fatt teżisti;***

***(c) Omisses;***

***(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew***

***(e) Omisses***

***(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli.".***

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-***artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** *jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs**

**Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess* ***Artikolu 836*** *jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

> ***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll (**"Yorkie Clothing Industry Ltd" vs "Dr. Lilian Calleja Cremona**" – tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs**

**Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Il-Qorti tibda biex tezamina t-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru ai termini tal-Artikolu 836(1) (b) tal-Kapitolu 12.

Kif fuq rilevat l-Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta'Malta, jikkontempla, revoka ta' Mandat ta' Sekwestru fejn wahda mir-rekwiziti tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju **"ma tkunx ghadha fil-fatt tezisti".**

Infatti fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili, per Imhallef. Dr. J.R. Micallef fl-ismijiet **Raymond Meli vs David Meli proprio et nomine** deciza fid-29 ta' Frar 2008, dik il-Qorti irriteniet:

> ***"B) <u>Il-kawżali li waħda mill-ħtiġiet tal-liġi għall-ħruġ tal-Mandat m'għadhiex teżisti</u> [Art. 836(1)(b)]. Din id-dispożizzjoni, skond il-kliem użat fiha, ġiet imfissra bħala riferenza għal xi waħda mill-ħtiġijiet tal-liġi għall-ħruġ tal-att kawtelatorju li kienet teżisti fil-waqt tal-ħruġ tal-istess att iżda li, wara l-ħruġ tal-istess Mandat, ma baqgħetx teżisti iżjed[8]. Għalhekk, jekk wieħed irid jimxi ma' tali tifsira, wieħed irid juri li l-ħtieġa għall-ħruġ tal-Mandat trid tkun <u>naqset wara</u> li nħareġ l-att;*** (enfasi ta' din il-Qorti)
>
> ***Illi l-ħtiġiet li l-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat; (b) li (flimkien mal-att jew fi żmien preskritt wara) ssir kawża li fiha tiġi***

[8] *Ara P.A. GC* ***3.8.2001*** *fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet* ***Dr. Tonio Fenech noe et vs Dr. Patrick Spiteri noe et noe***

> ***mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt, (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbilta' tal-persuna li tkun talbitu;"***

Vide ukoll **Avv Antonio Depasquale nomine vs World Match Limited** Prim Awla per Imhallef Dr. L. Schembri Orland deciza fl-20 ta' Mejju 2014, u **Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart**, Prim Awla per Imhallef Dr. J. R. Micallef deciza fid-29 ta' Lulju 2005

Mill-provi prima facie jirrizulta li Drobez nomine et ghandhom pretenzjoni ta' dritt kontra Glen Scott. Din il-pretensjoni ta' dritt giet imfissra fid-dettal fil-provi prodotti u tikkonsisti f'bilanc dovut fuq id-dghajsa in kwistjoni t' almenu €77,000 (Drobez issostni li dan l-ammont fil-fatt huwa ta' €177,000 'l ghaliex jinkludi l-VAT u taxxa); danni konsistenti telf ta' charters kuljum ta' €1,500 u spejjez ta' vjaggar u akkomodazzjoni ta' Drobez oltre spejjez ta' rmigg tad-dghajsa li huma gia kanonizzati f'somma in eccess ta' €11,000. – Vide rikors guramentat Dok JD1 para 19 a fol. 31.

Illi ghalhekk applikati l-principji tal-gurisprudenza fuq citati, l-Qorti tqis illi huwa sodisfatt r-rekwizit (a), cioe' il-pretensjoni ta' dritt. Din il-Qorti sabet in oltre, illi l-Mandat ta' Sekwestru inhareg u gie ezegwit taht ir-responsabbilita' ta' Drobez, u li gja giet intavolata il-kawza fit-termini preskritt. Ghaldaqstant ir-rekwiziti mitluba mill-ligi ghall-hrug ta' dan il-Mandat ai termini ta' l-Art. 831 tal-Kapitolu 12 gew imharsa.

Minkejja li l-Qorti tifhem li Glen Scott jilmenta li qatt ma rcieva talba ghall-ammont pretiz minn Drobez nomine et, dan gie kontradett minnu stess, meta ddikjara li l-intimati kienu talbuh s-somma ta' €177,000 somma li huwa qed jikkontesta waqt **il-provi prima facie** juru li hemm bilanc sostanzjali ta' €77,000 dovuti fuq d-dghajsa apparti l-pretensjonijiet l-ohra indikati aktar il-fuq .

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi r-rikorrenti ma rnexxielhomx jipprovaw skond il-ligi, raguni tajba ghaliex il-Mandat ta' Sekwestru ghandu jithassar taht il-kawzali mahsub fl-Artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina t-talba ta' Scott ghar-revoka tas-Sekwestru Kawtelatorju minhabba li l-ammont mhux prima facie gustifikat jew hu eccessiv, cioe' Artikolu 836(1)(d) Kapitolu 12. Skond il-gurispridenza tal-Qrati taghna, din il-Qorti ghandha tissindika biss jekk jirrizultax ma daqqa t'ghajn li Drobez nomine et ghandhomx bazi ghall-pretenzjonijiet taghhom u jekk din il-pretenzjoni tavvicinax l-ammont indikat fil-mandat.

Il-fatti li jemergu **fuq bazi ta' prima facie** huma, kif fuq spjegat, juru li hemm bilanc dovut fuq id-dghajsa t' almenu €77,000 danni konsiderevoli ta' telf ta' *charter* cioe' €1,500 *per diem*, €11,000 kanonizzat ghall-irmigg tad-dghajsa (li jsegwu d-dghajsa) apparti danni ohra konsistenti fi spejjez ta' vjaggar, spejjez gudizzjajri apparti spejjez ancillari ohra. Di il-Qorti tqis li mehud in konsiderazzjoni dana kollu, l-ammont kawtelat permezz tal-Mandat ta' Sekwestru lamentat ta' €50,000 huwa wiehed ragionevoli u certament ma jistghax jigi klassifikat bhala "***grossolan jew wiehed maghmul b'modd aazzardat".*** [9]

Ghaldaqstant il-Qorti tichad t-talba ta' Glen Scott ghar-revoka tas-Sekwestru Kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(d).

Ghar-rigward tal-kawzali mahsuba taht l-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12, u cioe' jekk jintwera li fic-cirkostanzi m'huwiex ragjonevoli li l-Mandat jinzamm fis-sehh jew li m'huwiex gustifikabbli, gie ritenut:

> ***"Biex tirnexxi talba taħt din il-kawżali, irid jintwera mad-daqqa t'għajn li, minħabba ċirkostanzi partikolari, ma jkunx iżjed għaqli jew meħtieġ li l-Mandat jinżamm fis-seħħ bla ebda ħsara għall-pretensjonijiet tal-eżekutant. Biex il-Qorti tista' tqis***

[9] Vide **DIS Equipment Rental Limited vs Rachib Laccheb et nomine**, Prim Awla per Mhallef Dr. J. R. Micallef deciza fis-6 t'Awwissu 2009 Ibid

> ***jekk hijiex mistħoqqa jew le, il-pretensjoni tar-raġonevolezza li l-Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ trid tirriżulta mingħajr ma ssir indaġni fil-mertu;"*** (Vide Ibid **Raymond Meli vs David Meli proprio et nomine)**

Il-Qorti tqis li Glen Scott ma rnexxillux jikkonvinci lil din il-Qorti illi s-sostenn tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju m'huwiex ragonevoli fic-cirkostanzi. Waqt li din il-Qorti tifhem illi l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1694/15 weggha' lil Glen Scott, dan il-fatt wahdu, m'huwiex raguni sufficjenti ghat-tnehhija tal-istess Mandat, il-ghaliex Mandat Kawtelatorju huwa minn natura tieghu ***"protezzjoni bikrija, mahsuba mill-ligi sakemm il-kwistjoni tigi mistharrga kif imiss fil-mertu"*** Ibid **Raymond Meli vs David Meli proprio et nomine**.

Ghal din ir-raguni l-Qorti ma ssibx illi t-talba tar-rikorrenti, fuq din il-kawzali hija gustifikata.

Din il-Qorti taghraf illi jkun ghaqli li tirriafferma li fi proceduri ta' din in-natura, l-Qorti ma hijiex tenuta li tissindika eccezzjonijiet preliminari bhal dik tal-legittimu kontradittur, jew ta' gurisdizzjoni. Dawn huma materji li jigu sindikati u decizi fil-kawza proprja.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Jolanda Drobez nomine et u tichad it-talba ta' Glen Scott ghar-revoka ghal kollox jew in parte tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 1694/15 fl-ismijiet premessi. Bl-ispejjez kontra Glen Scott.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**